22004D0067

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 67/2004

tas-26 ta' April 2004

li jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-koperazzjoni f'oqsma speċifiċi il-barra mill-erba libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li ikkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn il-quddiem referut bħala "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 96/2003 tal-11 ta' Lulju 2002 ([1]).

(2) Huwa xieraq li tkun estiża l-koperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim sabiex tinkludi d-Deċiżjoni (KE) Nru 2318/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 li tadotta programm multi-annwali (2004 sa 2006) għall-integrazzjoni effettiva tat-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) fis-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Ewropa (i.e. il-Programmi tat-Tagħlim) ([2]).

(3) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim għandu għalhekk ikun emendat sabiex jippermetti li din il-koperazzjoni hekk estiża tidħol fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar 2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 4 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu li ġej għandu jkun miżjud wara l-paragrafu 2h:

"2i. L-Istati EFTA għandhom, b'effett mill-1 ta' Jannar 2004, jipparteċipaw f'dan il-programm li ġej:

– **32003 D 2318**: Id-Deċiżjoni Nru 2318/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 tadotta programm m,ulti-annwali (2004 sa 2006) għall-integrazzjoni effettiva tat-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) fis-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Ewropa (i.e. Il-Programm tat-Tagħlim) (ĠU L 345 tal-31.12.2003, p. 9)."

2. It-test tal-paragrafu 3 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"L-Istati EFTA għandhom jikkontribwixxu b'mod finanzjarju bi qbil ma l-Artikolu 82(1)(a) tal-programmi u ta' l-azzjonijiet referuti fil-paragrafi 1, 2, 2a, 2b, 2c, 2d, 2e, 2f, 2g, 2h u 2i."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li jsegwi l-aħħar notifika lejn il-Kumitat Konġunt ŻEE permezz ta' l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Għandha tkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2004.

([1]) ĠU L 272, tat-23.1.2003, p. 34.
([2]) ĠU L 345, tal-31.12.2003, p. 9.
(*) L-ebda ħtieġa kostituzzjonali ma hija indikata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' April 2004.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND